MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 395/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Clayton Goodrum (K.I. 151384M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija, tnejn u sebghin ewro u hamsra u erbghin centezmi (€872.45) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru 400884444 (telfonija u televixin) (21641044 u 1425047929 u 1425047928 skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2010 mill-PL Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghhu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------